# Artisti li ħadmu għar-Rotunda tal-Mosta (4) - Carmelo Tonna

Minn Joseph Borg

Is-Surmast Carmelo Tonna twieled fl-1901 fir-Rabat ta' Malta, post li ta għadd sabiħ ta' artisti mixħutin l-aktar lejn l-arti sabiħa ta' l-iskultura. Missieru, Benjamin, kien skultur mit-tajbin u għalhekk mhux għaġeb li ibnu Carmelo kien miġbud sa minn kmieni lejn l-iskultura u d-disinn. Wara li temm il-kors skolastiku sekondarju fis-Seminarju ta' l-Imdina, Carmelo kompla jitħarreġ fl-Iskola ta' l-Arti taħt surmastrijiet magħrufa bħala disinjatur, modellatur u skultur.



It-terħa l-prima tal-bellus li tintrama fuq l-artal maġġur għall-festa ta' Santa Marija

Minħabba l-kapaċità tiegħu fl-arti, ta' età żgħira ġie impjegat bħala '*Drawing Master*' fl-iskejjel primarji tal-gvern u fil-Liċeo. Għallem l-arti għal ħafna snin fl-Iskola Primarja tal-Gvern tal-Mosta, fejn kienet tgħallem il-futura mara tiegħu, l-għalliema Pawlina Schembri mill-Mosta, li żżewwiġha u ħadha miegħu r-Rabat fejn kellu l-familja. Fost uliedu nsemmu biss lil Dun Benjamin li laħaq arċipriet tal-Kolleġġjata tar-Rabat. Ta' min jgħid li l-Mosta baqa' jħobbha bħala t-tieni pajjiż tiegħu.

Għaldaqstant kull meta ġie mqabbad, ħadem għal qalbu biex ir-Rotunda jsirulha opri sbieħ u artistiċi li tassew jixirqulha. Nistgħu ngħidu li barra mir-Rabat u mill-Mosta, għadd sabiħ ta' opri oħra tiegħu jinsabu mxerrdin l-aktar f'numru ta' knejjes u ta' każini tal-banda li għandna f'Malta.



Il-pulptu tar-Rotunda li minn fuqu għadu jsir il-paniġierku ta' Santa Marija u l-priedka tat-tifel fil-lejl tal-Milied

## L-ewwel xogħlijiet ta' Tonna għar-Rotunda

Nafu li d-dawl elettriku daħal il-Mosta fl-1925. Sa dik il-ħabta, il-linef tal-knisja kien għadhom jixgħeluhom bl-aċitilena. L-elettriku ma damx ma daħal ukoll il-knisja. Ħasbu għalhekk sabiex dawn il-linef jibdew jixegħluhom ukoll bid-dawl elettriku. Kien lejn is-snin ta' wara nofs l-għoxrinijiet tas-seklu li għadda, meta saru sett ta' fjokkijiet mill-isbaħ għal fuq il-linef tal-kristall wisq eleganti li għandha r-Rotunda tagħna.

Għal dawn il-fjokkijiet kien tqabbad biex jagħmel id-disinn u l-iskultura tagħhom is-surmast żgħażugħ Carmelo Tonna. Kienu ġew ordnati mill-prokuratur ħabrieki li kellha l-knisja dak iż-żmien, Dun Karm Gauci, suċċessur dehen tal-qatt minsi Dun Anġ Camilleri li għammar il-knisja tagħna b'tant opri sbieħ.

Dik il-ħabta li saru l-fjokkijiet tal-linef, dejjem fuq id-disinn ta' Tonna, saru wkoll l-ewwel żewġ triehi tal-bellus irrakkmati bid-deheb għall-artali tal-kappelli tal-Kurċifiss u ta' San Ġużepp. Il-bqija tat-triehi l-oħra, inkluża dik ta' l-artal maġġur kienu tkomplew fi żminijiet iżjed reċenti, imma dejjem fuq l-istess disinn li kien ħejja Tonna għall-ewwel tnejn, barra dik ta' l-artal maġġur.

## Il-pulptu tond tar-Rotunda

Il-pulptu li għandha l-Knisja Arċipretali tagħna, tista' tgħid li

kienet l-ewwel biċċa xogħol kbira għall-knisja tal-Mosta li għamel Tonna flimkien ma' l-assistenti tiegħu. Dan il-pulptu tal-ġewż inħadem fl-1932. Huwa sabiħ fid-disinn kif ukoll fl-iskultura fina li għandu żżejnu. Għandu jżejnuh ukoll tmien panewijiet tal-bronż li juru d-Doni ta' l-Ispirtu s-Santu flimkien ma' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna, xogħol bikri tal-magħruf skultur Ċensu Apap. F'dak li huwa disinn jidher sewwa li Tonna kien ispirat mir-Rotunda nnifisha.

Fl-1933, Tonna għamel id-disinn ta' ventartal tal-fidda għall-artal tal-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju. Ġara imma, li minħabba nuqqas ta' fondi li kellha l-Fratellanza tar-Rużarju dak iż-żmien, il-ventartal ma wasal qatt biex isir. Dan il-ventartal kellu fl-aħħar isir 57 sena wara, fi żmien il-prokuratur ħabrieki Dun Salv Magro. Id-disinn ma kienx sar dak ta' Tonna, għax tul daż-żmien kollu, id-disinn intilef u sa dan it-tant Tonna laħaq miet. Kellu għalhekk jerġa' jsir disinn ieħor minn disinjatur u skultur ieħor, Rabti wkoll, is-Sur Ġużè Galea. Il-ventartal iżżanżan fl-1980.

## *Tonna fi żmien l-Arċipriet Dun Pawlinu Galea*

Tul il-parrokat ta' l-Arċipriet Galea, is-Surmast Carmelo Tonna ġie mqabbad kemm 'il darba biex jiddisinja xi opra li kien hemm il-ħsieb li ssir għall-knisja tagħna. L-ewwel opra kbira li għamel l-Arċipriet Galea kienet dik tad-damask 'tal-palma' li narawh jiksi l-knisja għall-festa titulari. Id-damask sar bejn is-snin 1951 u 1952. Għal din l-opra Tonna kien iddisinja l-ornamenti ta' fuq id-damask li naraw maġenb kull wieħed mit-tmien kwadri li juru l-ħajja tal-Madonna, li aħna nafuhom bħala l-kwadri 'Ta' l-Istorja'.

Dik il-ħabta li tlesta d-damask tkomplew isiru tliet trieħi oħra tal-bellus irrakkmati bid-deheb fuq l-istess disinn ta' Tonna tat-tnejn li diġà kienu saru. Dawn it-trieħi ġodda saru għall-artali taċ-Ċintura, ta' San Pawl u tad-Duluri li bdiet tintrama wkoll fl-artal ta' San Rokku u San Bastjan. Dik taċ-Ċintura kien ħallas għaliha l-prokuratur ħabrieki li kellha l-knisja dak iż-żmien, Dun Salv Magro (wara Monsinjur), li nzerta wkoll il-prokuratur tal-Fratellanza taċ-Ċintura.

Fl-1955 saret terħa ġdida għall-artal maġġur billi dik li kellu tas-satin kienet ħafifa mir-rakkmu. Ħabirku għaliha kemm l-Arċipriet Galea u kemm il-prokuratur Dun Salv Magro. Għal din it-terħa ġdida Tonna kien għamel disinn ġdid denn ta' l-artal maġġur tal-knisja tagħna u ta' l-armar li jżejnu għall-festa.

## *Il-kapulavur ta' Tonna*

L-ikbar opra ta' Tonna li ħadem għall-knisja tagħna kien il-bankun artistiku ta' l-Assunta li żżanżan b'sodisfazzjon kbir tal-poplu Mosti fl-1957. Għal din il-biċċa xogħol hekk sabiħa huwa kien megħjun minn żewġ mastrudaxxi



*Dehra tal-bankun artistiku bl-istatwa ta' l-Assunta armata fuqu; fuq ix-xellug tidher linfa b'wieħed mill-fjokkijiet; fuq il-lemin jidher wieħed mill-ornamenti ta' fuq id-damask*

gwappi li kienu l-istess ħuh Ġużeppi Tonna u l-Mosti Ġanni Agius. Il-bankun huwa maħdum b'sengħa kbira minn ġewż Amerikan mill-ifjen u mżejjen bi skultura daqstant ieħor fina ta' Tonna nnifsu.

L-erba' faċċati tiegħu huma mżejnin b'erba' riljievi tal-bronż b'xeni li għandhom x'jaqsmu mat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna u bi tmien statwetti tal-bronż li juru nisa eroini bibliċi. Dawn huma kollha xogħol ta' l-iskultur Ruman Carlo Pisi. Għal din l-opra tant mixtieqa mill-Mostin ta' dak iż-żmien tħabtu kemm felħu, kemm l-Arċipriet Galea kif ukoll il-prokuratur Dun Salv Magro. Dik il-ħabta wkoll Tonna ġie mqabbad biex jagħmel id-disinn ta' pedistall ġdid tal-fidda għall-istatwa ta' Santa Marija. Għal dan il-pedistall l-Arċipriet Galea kien diġà beda jiġbor. Ġara imma li l-koppla kien jinħtiġilha li tinkesa b'qoxra tar-ram, għalhekk l-idea tal-pedistall kellha titħalla għal żminijiet oħra, sakemm sfumat fix-xejn.

Ta' min isemmi wkoll li dik il-ħabta Tonna ħejja disinn mill-isbaħ għall-ostensorju tad-deheb li fih kellha titpoġġa r-relikwija tal-Madonna. Kienu bagħtu d-deheb saħansitra Ruma għand l-artist li kellu jaħdem din l-opra, iżda minħabba ċirkustanzi li ħadd ma kellu kontroll fuqhom din l-opra ma saritx. Għad baqa' biss id-disinn li darba għamel Tonna merfugħ fl-Arkivji tal-Knisja Arċipretali.

## *L-aħħar xogħlijiet ta' Tonna*

Is-suċċessur ta' l-Arċipriet Galea kien l-Arċipriet Bezzina, illum Monsinjur. Waħda mit-tifkiriet ta' dan l-Arċipriet ta' l-Inkurunazzjoni kienet il-bini tal-frontispizju ta' fuq il-faċċata ta' wara tar-Rotunda fl-1969. Għal din il-biċċa xogħol kien qabbad lis-Surmast Carmelo Tonna biex jaddatta d-disinn oriġinali ta' Grognet għall-fond ta' dan il-frontispizju. Id-disinn ta' Tonna kien qattgħu direttament fuq il-ġebla l-iskultur Karmnu Cini taż-Żebbuġ t'Għawdex.



*Il-pedistall ta' l-istatwa tal-Papa Piju XII armata fil-Pjazza tal-Mosta*

Għall-ħabta tal-bidu tas-Sebgħinijiet tas-Seklu li għadda Tonna ħejja d-disinn għal sett ta' tnax-il kolonna tat-trofej biex iżejnu l-pjazza tar-Rotunda għall-festa ta' Santa Marija. Iddisinja wkoll il-kumplament tal-pedistall tal-Papa Piju XII mibdi mill-iskultur Emanuel Buhagiar. Dawn it-trofej kienu nħadmu l-Mosta stess mill-Imgħallem Franġisku Tonna u kienu lesti għall-festi ta' l-Inkurunazzjoni fl-1975.

Barra mir-Rotunda, Tonna ħadem ukoll għall-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Kien id-direttur ta' dan l-Oratorju, Dun Anġ Camilleri (iż-żgħir), li qabbad lil Tonna biex jagħmel id-disinn tal-kaptelli li kien għadhom mhux imqattgħin, li wieħed jara fuq il-pilastri ta' dan l-oratorju. Skolpihom imbagħad l-iskultur Karmnu Cini, dik il-ħabta li kien għadu kemm lesta mix-xogħol ta' fuq il-frontispizju ta' wara tar-Rotunda.

Ta' min isemmi wkoll li Tonna ddisinja l-bandalora sabiħa b'medaljun ta' l-Assunta f'nofsha għall-Każin Santa Marija, li kienet ġiet inawgurata fl-1946. Għall-Każin Nicolò Isouard Tonna ddisinja bandalora sabiħa oħra flimkien ma' lapida li tfakkar għeluq il-mitt sena mit-twaqqif ta' din l-ewwel soċjetà mużikali ġewwa l-Mosta.

Wara ħajja mimlija attività artistika, is-surmast umli u twajjeb Carmelo Tonna ħalla din il-ħajja nhar il-5 ta' Diċembru 1973. Il-Mosta kienet tilfet ħabib tal-qalb u antik. It-tifkira tiegħu fostna tibqa' ħajja fl-opri sbieħ tiegħu li għandna fir-Rotunda għażiża tagħna.


*Riferenza:*

'Is-Surmast Carmelo Tonna', *Il-Mosta,* 54 (Frar-Marzu, 1974), p. 3.

G. Bugeja, 'The Rotunda and Its Artistic Treasures / Church Furniture', L.J. Scerri (ed.), *Mosta the Heart of Malta*, Malta, 1996, p. 103.

S. Dimech, 'Bandalora oħra', *Leħen il-Banda tal-Mosta – Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard*, 18, Malta, p.14.

'L-Artal Maġġur tal-Knisja Arċipretali', M D Schembri (ed.), *Mustensia*, vol I., Malta, 2002.

J. Borg, 'Il-Bankun Artistiku li fuqu titqiegħed il-Vara Titulari Tagħna', Filarmonika Santa Marija, *Annwal 1996.*

J. Borg 'Il-Pulptu li għandna fil-Knisja Arċipretali', Filarmonika Santa Marija, *Annwal 1997.*